**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 01 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 1288/2018 AF**

**Darren Abela**

**vs**

**Carmelo Muscat**
**li fil-verbal tat-2 ta' April 2019 il-Qorti ordnat li tissejjah fil-kawza Mary Gauci**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Darren Abela li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' konvenju bejn il-partijiet tal-24 ta' Lulju, 2017 (kopja tieghu hawn annessa u mmarkata Dok. DA1) iffirmat quddiem in-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia, il-konvenut Muscat, *qua* venditur, obbliga ruhhu li jbiegh, jassenja u jittrasferixxi

versu a favur ir-rikorrenti, li minn naha tieghu pprometta u obbliga ruhhu li jaccetta, jixtri u jakkwista l-flat fi stat ta' gebel u saqaf internament immarkat bin-numru wiehed (1) sitwat fil-livell maghruf bhala first floor level u cioè sovrappost il-maisonette sitwat fil-groundfloor level proprjetà ta' terzi persuni u sottopost ghal appartament iehor proprjetà tal-venditur stess, formanti parti minn block minghajr numru ufficcjali però li jgib l-isem Saint Joseph Flats, fi Triq Santa Maria gewwa l-Imgarr, Malta, liema proprjetà hija mmarkata fuq il-pjanta annessa mal-iskrittura surriferita bhala ittra "A".

Il-konvenju surriferit gie mgedded diversi drabi, u dan fuq rikjesta w insistenza tal-konvenut Muscat, b'dan illi l-ahhar estensjoni (kopja taghha hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. DA2") skadiet fit-30 ta' Novembru 2018.

Madanakollu, il-konvenut Carmelo Muscat naqas milli jaddivjeni ghall-ippubblikar tal-att finali mal-iskadenza tal-ahhar estensjoni, u cioè qabel it-30 ta' Novembru 2018, u dan minkejja illi gie interpellat diversi drabi sabiex jaghmel dan, inkluz b'ittra ufficcjali tal-20 ta' Novembru 2018, mibghuta ai termini ta' *inter alia* l-Artiklu 1357(2) tal-Kap. 16 (Dok. DA3).

Ghal kull buon fini, jehtieg jinghad li, kif ser jigi pruvat fil-perkors tal-proceduri, sa ftit wara li giet pattwita l-ahhar estensjoni, il-konvenut dejjem wera interess li jaddivjeni ghall-ippubblikar tal-att finali u kien biss lejn tmiem l-ahhar estensjoni li l-konvenut informa lir-rikorrenti li huwa ma kienx ser ikun dispost jersaq ghall-ippubblikar tal-att finali.

Fil-fatt il-konvenut allega illi huwa kellu bzonn tal-kunsens t'ohtu sabiex jissana nuqqas fit-titolu tal-proprjetà mertu tal-konvenju u talab lill-attur somma ulterjuri ta' tletin elef Ewro (€30,000) sabiex "jipprova" jikseb dan il-kunsens. L-attur irrifjuta dan stante li kien u ghadu jsostni illi l-konvenut huwa marbut jonora l-imsemmi konvenju.

L-agir abbuziv tal-konvenut ikkawza qed ikompli jikkawza danni lill-attur.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tordna l-konvenut sabiex jersaq ghal att pubbliku ta' bejgh sabiex jbiegh, jassenja u jittrasferixxi versu u favur ir-rikorrenti l-flat fi stat ta' gebel u saqaf internament immarkat bin-numru wiehed (1) sitwat fil-livell maghruf bhala first floor level u cioè sovrappost il-maisonette sitwat fil-groundfloor level proprjetà ta' terzi persuni u sottopost ghal appartament iehor proprjetà tal-venditur stess, formanti parti minn block minghajr numru ufficcjali però li jgib l-isem Saint Joseph Flats, fi Triq Santa Maria gewwa l-Imgarr, Malta, liema proprjetà hija mmarkata fuq il-pjanta annessa mal-iskrittura surriferita bhala ittra "A", skond il-kundizzjonijiet indikati fil-konvenju fuq imsemmi tal-24 ta' Lulju 2017.

2. Tiffissa lok, jum u hin ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh.

3. Tinnomina n-nutar pubbliku Dottor Jean Paul Farrugia jew nutar iehor tax-xelta tal-Qorti sabiex jippubblika l-att ta' bejgh.

4. Tinnomina kuratur deputat sabiex jirrapprezentaw lill-konvenut f'kaz li dan jibqa' kontumacji fuq l-att pubbliku, bil-poteri/obbligazzjonijiet kollha inerenti fil-kuntratt ta' bejgh.

5. Fl-eventwalità li l-bejgh finali skond il-konvenju ma jkunx jista' jsir, tiddikjara li l-konvenju tal-24 ta' Lulju, 2017 ma setax jigi mwettaq minhabba nuqqasijiet attribwibbli pjenament lill-konvenut u li b'konsegwenza ta' tali inadempjenza da parti tal-konvenut, ir-rikorrenti sofra danni.

6. Ukoll fl-eventwalità li l-bejgh finali skond il-konvenju ma jkunx jista' jsir, tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi.

7. Ukoll fl-imsemmija eventwalità, tordna lill-konvenut sabiex ihallas id-danni hekk likwidati, oltre illi jirritorna kwalunkwe

somma mhallsa mir-rikorrenti akkont tal-prezz fuq il-konvenju.

Bl-ispejjez u, jekk ikun il-kaz, bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Carmelo Muscat, li permezz tagħha eċċepixxa illi :

It-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Fit-tieni lok, subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur, kif kien debitament notifikat permezz ta' ittra gudizzjarja 4293/18 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. CM1) li ntbaghtet mill-esponent b'risposta ghal ittra gudizzjarja tal-istess attur, gie infurmat li sa llum ghad hemm pendenza li ghad trid tkun rizolta, u ghaldaqstant ma jistax jigi infurzat il-konvenju mertu ta' dawn il-proceduri odjerni, kif ser jigi ppruvat fis-smigh tal-kawza.

Il-konvenut gie a konoxxenza ta' dan l-impediment legali wara li kien iffirmat il-konvenju in kwistjoni, liema impediment legali jikkonsisti fi zball li sar fil-kejl tal-arja tal-proprjetà mertu ta' dan il-konvenju, li kienet assenjata lilu f'kuntratt ta' divizjoni datat 22 ta' Dicembru 2003 fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi.

Il-konvenut ha dawk il-passi kollha spettanti minnu biex tali zball ikun korrett permezz ta' att ta' korrezzjoni, madanakollu wahda mill-partijiet fil-kuntratt ta' divizjoni surreferit naqset milli tersaq ghall-att ta' korrezzjoni.

In vista ta' dan, il-konvenut interpella b'ittra gudizzjarja 878/11, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. CM2, lill-parti li kienet qed tonqos u cioè lil ohtu Mary Gauci mart Carmelo Gauci, biex taddivjeni fuq l-att ta' korrezzjoni, madanakollu din baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Il-konvenut jiddikjara li jekk kemm-il darba ssir tali korrezzjoni fil-kuntratt ta' divizjoni u l-izball li sar fil-kejl tal-arja tal-

proprjetà mertu ta' dan il-konvenju jkun ikkoregut, huwa ma jkollu ebda oggezzjoni sabiex jersaq ghall-att pubbliku ta' bejgh.

Ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ma sofra ebda danni kif pretiz minnu u fl-eventwalità li jirrizultaw xi danni, hija Mary Gauci li hija tenuta twiegeb ghalihom.

Ghaldaqstant, fi kwalunkwe kaz, minghajr pregudizzju ghall-premess, hemm lok li tigi kjamata fil-kawza l-imsemmija Mary Gauci.

Bir-rizerva espressa ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' April 2019, il-Qorti ordnat illi tiġi msejħa fil-kawża Mary Gauci.

Rat illi minkejja li debitament notifikata, l-imsejħa fil-kawża ma preżentat l-ebda risposta u allura hija kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija kawża b'talbiet alternattivi. L-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tordna lill-konvenut sabiex jidher fuq l-att finali ta' bejgħ tal-appartament fi stat ġebel u saqaf, internament immarkat bin-numru wieħed, sitwat fil-livell magħruf bħala *first floor level*, mingħajr numru uffiċjali però li jġib l-isem "Saint Joseph Flats", Triq Santa Maria, Imġarr, jew, f'każ illi ma jistax isir l-att finali ta' bejgħ, sabiex il-konvenut jiġi kundannat għad-danni.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur u l-konvenut kienu ffirmaw konvenju fl-24 ta' Lulju 2017 li permezz tiegħu, il-konvenut obbliga ruħu li jbiegħ lill-attur, li minn naħa tiegħu obbliga ruħu li jixtri, l-appartament fi stat ta' ġebel u saqaf, internament immarkat bin-numru wieħed, sitwat fil-livell magħruf bħala *first floor level*, mingħajr numru uffiċjali però li jġib l-isem "Saint Joseph Flats", Triq Santa Maria, Imġarr, għall-prezz ta' €140,000, li minnhom l-attur ħallas €14,000 bħala depożitu akkont tal-prezz. Dawn inżammu min-nutar. L-att finali ta' bejgħ kellu jsir mhux aktar tard mill-24 ta' Novembru 2017.

Madanakollu, meta n-nutar kien qiegħed jagħmel ir-riċerki u l-preparamenti neċessarji sabiex jiġi ppubblikat il-kuntratt finali, huwa sab illi bejn il-kejl tal-appartament kif attwalment mibni, skont il-pjanti li għaddielu l-attur u l-arja superfiċjali tal-proprjetà li ġiet assenjata lill-konvenut permezz tal-kuntratt ta' diviżjoni li bih akkwista l-arja li fuqha bena l-blokka, kien hemm diskrepanza sostanzjali ta' madwar 36 metru kwadru u b'hekk kien hemm bżonn li jsir att korrettorju tal-imsemmi kuntratt ta' diviżjoni qabel ma l-attur u l-konvenut setgħu jgħaddu biex jiffirmaw l-att finali ta' bejgħ mertu ta' din il-kawża.

Kien għalhekk illi l-konvenut talab lill-attur sabiex jiġi mġedded il-konvenju. Minkejja li l-konvenju ġie mġedded tlett darbiet b'kollox, ftit taż-żmien qabel ma kellha tiskadi l-aħħar estensjoni fit-30 ta' Novembru 2018, l-att korrettorju kien għadu ma sarx peress li oħt il-konvenut, l-imsejħa fil-kawża, irrifjutat li tiffirma l-imsemmi att. Il-konvenut talab lill-attur iħallsu €30,000 oħra sabiex jipprova jikkonvinċi lil oħtu tersaq għall-att korrettorju meħteġ iżda l-attur irrifjuta u minflok għamel din il-kawża.

Huwa qiegħed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut jersaq għall-att finali ta' bejgħ jew alternattivament, jekk il-bejgħ ma jistax isir iżjed, sabiex iħallsu kumpens konsistenti fid-differenza bejn il-prezz pattwit skont il-konvenju u kemm tiswa l-proprjetà in kwistjoni llum.

Din hija kawża bbażata fuq l-artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili li jaqra hekk:

*"(1) Il-wegħda ta' bejgħ ta' ħaġa bi prezz determinat, jew bi prezz li għandu jiġi stabbilit minn persuna waħda jew iżjed bħalma jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, ma titqiesx bejgħ; iżda, jekk tiġi aċċettata, iġġib, f'dak li wiegħed, l-obbligu li jagħmel il-bejgħ, jew, jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir, l-obbligu li jħallas id-danni lill-accettant.*

*(2) L-effett ta' din il-wegħda jispiċċa meta jagħlaq iż-żmien miftiehem bejn il-partijiet għal hekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bħal dak, meta jgħaddu tliet xhur minn dak inhar li l-bejgħ ikun jista' jsir, kemm-il darba l-aċċettant ma jsejjaħx lil dak li wiegħed, b'att ġudizzjarju ppreżentat qabel ma jgħaddi ż-żmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jagħmel il-bejgħ, u kemm-il darba, fil-każ li dak li wiegħed jonqos li jagħmel hekk, it-talba b'rikors ġuramentat sabiex titwettaq il-wegħda ma tiġix ippreżentata fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq l-imsemmi żmien."*

In linea ta' prinċipju ġenerali, kif qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-każ ta' Brinx Limited vs Francis Said et, tat-23 ta' Novembru 2005:

*"Jibda biex jigi registrat b'osservazzjoni preliminari illi l-weghda ta' bejgh taghti lok ghal rapport obbligatorju li permezz tieghu l-partijiet kontraenti huma mpenjati ghall-manifestazzjoni ulterjuri ta' dik il-volontà li joperaw l-effett traslattiv tal-haga permezz ta' kuntratt definittiv. Huwa pacifiku, in linea ta' principju generali, illi d-debitur ta' l-obbligazzjoni hu tenut jesegwixxi l-prestazzjoni minnu assunta skond il-modalità miftehma u fiz-zmien prefiss. In-nuqqas ta' tali obbligazzjoni tissarraf f'inadempiment ta' l-obbligazzjoni u min hu hekk imputabbli jista' jigi mgieghel jadempixxi ruhu in forma specifika, fejn dan ikun ghadu hekk possibbli, jew li jwiegeb in via rizarcitorja ghad-danni kagunati skond in-normi tal-Kodici Civili. Dan johrog mill-Artikolu 1125, Kodici Civili relattiv ghall-"Effetti ta' l-Obbligazzjonijiet" in generali u, b' mod partikulari, mid-dispost ta' l-Artikolu 1357 (1) ta' l-istess Kodici."*

Hekk ukoll, kif kien ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet Bertu Bonnici vs Pawlu Cilia et noe, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April 1993:

> *"...fil-kaz ta' weghda ta' bejgh jew ta' xiri, il-ligi tikkontempla separatament il-promessa unilaterali tal-bejjiegh li jittrasferixxi l-haga lix-xerrej bi prezz determinat jew li jista' jigi ddeterminat (Art. 1357 Kodici Civili), u l-kontro-promessa unilaterali tax-xerrej li jixtri l-haga u jhallas il-prezz (Art. 1360 Kodici Civili). Malli l-promessa sija tal-bejjiegh kemm dik tax-xerrej, tigi accettata mill- parti li favur taghha tkun saret, dik il-promessa jew offerta tinbidel f'obbligazzjoni f'dak li jkun ghamilha, b'mod li dak li jwieghed ("promisor") ikun obbligat jesegwixxi l-obbligazzjoni minnu assunta, u, fin-nuqqas, l-accettant ("promisee") jista' jitlob li l-parti li tkun wieghdet tigi ordnata tesegwixxi in natura l-obbligazzjoni taghha, u jekk dan ma jkunx aktar possibbli, li thallas id-danni. Fi kliem iehor, malli l-promessa tal-bejjiegh tigi accettata mix-xerrej, huwa jsir obbligat li jitrasferixxi, fiz-zmien miftiehem jew determinabbli skond il-ligi, il-haga lix-xerrej u jircievi l-prezz; u jekk il-bejgh ma jkunx jista' jsir izjed, li jhallas id- danni. Similment, malli l-promessa tax-xerrej tigi accettata mill-bejjiegh, ix-xerrej ikun obbligat li, fl-istess zmien, ihallas il-prezz u jircievi l-haga oggett tal-bejgh."*

Kif spjegat din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Angelo Zahra noe vs Carmelo Vella, tad-29 ta' Settembru 2016:

> *"Il-ligi tahseb ghal danni naxxenti minn konvenju biss meta l-bejgh ma jkunx jista' jsir izjed. Din il-Qorti hija tal-fehma li jekk il-kuntratt ta' bejgh ma setax izjed isir, allura hemm lok ghal risarciment ta' danni kkagunati lix-xerrejja prospettivi, ai termini ta' dak stipulat fl-Art 1357(1) tal-Kap 16. Id-danni ghalhekk jintalbu fil-kuntest ta' nuqqas ta' adempiment ta' obbligi assunti skont l-istess disposizzjoni tal-ligi."*

Isegwi għalhekk li l-impossibilità li l-wegħda ta' bejgħ titwettaq tħalli disponibbli lill-imwiegħed mhux sodisfatt ir-rimedju tad-

danni f'kaz li jkun bata telf attwali bi ħtija ta' min jinstab li jaħti għall-impossibilità li titwettaq dik il-wegħda. Dan b'applikazzjoni wkoll tar-regola sostantiva dwar l-effetti tal-obbligazzjonijiet li "*Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, ħu obbligat għad-danni*" (artikolu 1125 tal-Kodici Civili).

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża Carmelo Zahra et noe vs Anthony Cutajar, tal-25 ta' Frar 2005:

> "*Il-wegħda ta' bejgħ hija valida anke jekk min ikun qed iwiegħed li jbigħ ma jkunx is-sid tal-ħaga li fuqha jkun sar il-qbil u zzid li f'kaz simili l-venditur prospettiv għandu l-obbligu li jakkwista l-ħaga mwiegħda biex ikun jista' jbigħha. Jekk ma jseħħlux li jiksibha, b'hekk ma jinħelisx mill-obbligazzjoni tiegħu izda jkollu jwiegeb għad-danni talli ma jkunx wettaq dak li wiegħed. Il-kreditrici għandha wkoll l-għazla li ggiegħel lill-parti l-oħra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibbli.*'

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, jirriżulta mill-atti li l-appartament in kwistjoni ġie mibni fuq l-arja tat-terran bl-isem ta' Casa Maria Bambina. Meta fil-kuntratt ta' diviżjoni tat-22 ta' Diċembru 2003 il-konvenut ġie assenjat l-arja ta' dan it-terran, sar żball fil-kejl u ċioè filwaqt illi hemm miktub li l-arja ta' dan it-terran hija ta' 146 metru kwadri, fil-verità din l-arja, li sussegwentment ġiet żviluppati fil-blokka bl-isem "Saint Joseph Flats", kienet ta' kejl akbar, biex b'hekk l-appartament in kwistjoni huwa tal-kejl superfiċjali ta' 182.47 metru kwadru.

L-irjieħat kif indikati fuq il-kuntratt ta' diviżjoni huma korretti u allura m'hemmx dubju li dan huwa sempliċiment kas ta' żball fil-kejl. Fil-fatt, fl-istess kuntratt il-partijiet stipulaw li l-proprjetajiet kienu qegħdin jiġu trasferiti fl-istat li kienu fih dakinhar.

Il-konvenut huwa dispost li jersaq għall-att finali ta' bejgħ u l-uniku ħaġa li qiegħda żżommu huwa li baqa' ma sarx l-att korrettorju. Jidher li bl-eċċezzjoni tal-imsejħa fil-kawża, il-partijiet kollha li dehru fuq il-kuntratt ta' diviżjoni ma jsibu l-ebda oġġezzjoni li jersqu għall-att korrettorju, tant illi n-nutar

inkarigat kien diġà ħejja abbozz u saħansitra sar appuntament biex jiġi ffirmat dan l-att imma l-imsejħa fil-kawża baqgħet ma dehritx.

Kif diġà ntqal, l-imsejħa fil-kawża hija kontumaċi u allura l-Qorti m'għandhiex quddiemha l-verżjoni tagħha dwar għalfejn irrifjutat li tersaq sabiex isir l-att korrettorju. Mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jemerġi l-prinċipju li l-kontumaċja għandha titqies bħala kontestazzjoni tal-kawża, u mhux ammissjoni. Madanakollu, din il-Qorti ma tarax kif l-imsejħa fil-kawża tista' tiġi preġudikata jekk isir l-att korrettorju meħtieġ sabiex ikun jista' jsir il-kuntratt finali ta' bejgħ mertu tal-kawża, kif jixtiequ li jsir l-attur u l-konvenut.

Wara li ħasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni li għandha quddiemha llum, il-Qorti tqis illi jkun fl-aħjar interess tal-ġustizzja li jsir l-att finali ta' bejgħ tal-appartament wara li jsir l-att korrettorju meħtieġ.

Fuq dan l-att korrettorju hemm bżonn li jidhru terzi li mhumiex parti f'dawn il-proċeduri, u allura s-sentenza tal-lum ma tagħmilx stat fil-konfront tagħhom. Madanakollu, jidher li ħadd minnhom m'għandu oġġezzjoni li jidher fuq dan l-att. Ħadd, naturalment, ħlief l-imsejħa fil-kawża.

Minkejja li ma hemm l-ebda talba f'dan is-sens, il-Qorti tqis illi ma tkunx qiegħda tmur *extra petita* meta bħala rimedju tordna lill-imsejħa fil-kawża tersaq għall-att korrettorju sabiex ikun jista' jsir l-att finali ta' bejgħ. Dan b'applikazzjoni ta' dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali il-każ riċenti fl-ismijiet Felix Mifsud et vs Tonio Cuschieri et, tas-16 ta' Diċembru 2019:

> "*Mill-formulazzjoni ta' dak l-att tal-bidu, wiehed ikun jista' jqis jekk dak moghti fis-sentenza jkunx ghal kollox 'il barra minn dak li ntalab (extra petita) jew ikunx aktar minn dak li ntalab (ultra petita). Ikun hemm kaz ta' eccess bhal dan fejn il-gudikant jibbaza r-raguni tad-decizjoni fuq titolu, kawzali jew fatt guridiku, essenzjalment differenti minn dak li, permezz ta' azzjoni jew eccezzjoni, jigi dedott mill-partijiet in sostenn tal-konkluzjonijiet taghhom. Dan il-kaz ma jghoddx fih ic-cirkostanza fejn Qorti tipprovdi rimedji li,*

*ghalkemm ma jissemmiex bhala talba espressa, johrog ex necessaria consequentia minn talba ohra li tkun maghmula. (Ara Appell Civili fil-kawza fl-ismijiet Giovanna Saguna pro et noe v. Giuseppe Vella deciza 5 ta' Frar, 1934 (Kollez. Vol: XXVIII.i.818)."*

Hekk ukoll, fil-ktieb tiegħu Mezzi Staordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi, l-Imħallef Grazio Mercieca spjega t-tifsira tal-*ultra petita* u *extra petita* fil-kuntest ta' proċeduri ta' ritrattazzjoni. Fost l-eżempji ta' dak li ma jammontax għal *ultra petita* jew *extra petita*, huwa semma meta:

*"sentenza tirrizolvi kwistjoni li ma tkunx giet imressqa mill-partijiet, imma li r-rizoluzzjoni taghha tkun indispensabbli biex tasal ghal soluzzjoni gusta fuq il-konkluzzjonijiet tal-istess partijiet (Cass Torino 14.02.1880)."*

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tikkundanna lill-imsejħa fil-kawża u lill-konvenut sabiex jersqu għall-att korrettorju meħtieġ li għandu jsir nhar l-20 ta' Lulju 2020 fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja u tinnomina lin-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia sabiex jippubblika l-imsemmi att. Tinnomina wkoll lill-Avukat Dottor Josette Grech sabiex tirrapreżenta lil kull eventwali kontumaċi.

2. Tikkundanna lill-konvenut jersaq għall-att pubbliku ta' bejgħ tal-appartament fi stat ġebel u saqaf, internament immarkat bin-numru wieħed, sitwat fil-livell magħruf bħala *first floor level*, mingħajr numru uffiċjali pero li jġib l-isem "Saint Joseph Flats", Triq Santa Maria, Imġarr. Dan għandu jsir dakinhar stess li jsir l-att korrettorju. Tinnomina lin-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia sabiex jippubblika l-att ta' bejgħ. Tinnomina wkoll lill-Avukat Dottor Josette Grech sabiex tirrapreżenta lill-eventwali kontumaċi.

3. Tiċħad ir-rimanenti talbiet attriċi.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu kwantu għal nofs mill-konvenut u nofs mill-imsejħa fil-kawża.

IMHALLEF

DEP/REG